# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **213/2023 (AD)**

## DIANE MUSCAT (KI 0503576M)

**vs**

## DIRETTUR TAR-REĠISTRU PUBBLIKU

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Mejju 2023**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti **Diane Muscat** ippremettiet illi:

   a. *L-esponenti twieldet bħala Diane Borg kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid hawn anness u immarkat bħala DOK A;*

b. *L-esponenti iżżewġet lil Kevin Muscat nhar is-27 ta' Marzu, 2004 u għażlet illi tieħu kunjom żewġha u ċioe 'Muscat' (hekk kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u immarkat bħala DOK B);*

c. *Permezz tas-sentenza mogħtija nhar il-11 ta' Ottubru, 2017 mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-ismijiet 'Diane Muscat vs Kevin Muscat', l-esponenti ottjeniet id-divorzju, liema divorzju ġie rreġistrat mar-Reġistru Pubbliku u dan kif jirriżulta mill-annotazzjonijiet tal-att taż-żwieġ;*

d. *Fil-proċeduri ta' divorzju, l-esponenti għażlet illi tibqa' żżomm kunjomha ta' miżżewġa u ċioe 'Muscat' u dan kif tippermetti l-liġi;*

e. *Ġara illi l-esponenti ser tiżżewweġ ġewwa Mazzarone, l-Italja nhar it-28 ta' Lulju, 2023 u riċentement ġiet infurmata mill-Ambaxxata Taljana illi sabiex hija tkun tista' tiżżewweġ jeħtieġ illi tirreverti għal kunjom xbubita u dan għaliex il-liġi Taljana ma tirrikonoxxix il-kunjom tar-raġel fiż-żwieġ u ċioe 'Muscat';*

f. *L-esponenti tixtieq tirreverti għal kunjomha ta' xebba u dan kif tippermetti l-liġi nostrana. Għalhekk din il-kawża qiegħda ssir ai termini tal-artikoli 66L(4)(b) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikolu 62 tal-istess Liġi, kif ukoll ai termini tal-artikoli 253 et seq. tal-istess Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. Għaldaqstant, ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

(i) Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti għal kunjom xbubitha u tiddikjara ai finijiet u l-effetti kollha tal-liġi li kunjom ir-rikorrenti għandu jkun 'Borg' u mhux aktar 'Muscat';

(ii) Tordna lill-intimat jagħmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha meħtieġa fl-att taż-żwieġ (anness u mmarkat Dok B mar-rikors ġuramentat) bin-numru progressiv 278 tas-sena 2004 sabiex jirrifletti din il-bidla fil-kunjom tar-rikorrenti;

3. Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat **Direttur tar-Reġistru Pubbliku**, illi eċċepixxa:

   a. *Illi jibda billi jingħad li la darba l-kawża mressqa mir-rikorrenti qed issir bil-għan illi tintalab korrezzjoni ta' att tal-istat ċivili, ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita pubblikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;*

   b. *Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jissottometti illi huwa mhux edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors promotur;*

   c. *Illi mill-Att taż-Żwieġ bin-numru ta' iskrizzjoni progressiv 278/2004, kopja ta' liema ġiet annessa mar-rikors ġuramentat promotur u mmarkata Dok. B, jirriżulta illi l-attriċi żżewġet lil Kevin Muscat f'Malta fis-27 ta' Marzu 2004, u li maż-żwieġ hija adottat kunjom żewġha, 'Muscat';*

   d. *Illi mill-annotazzjoni fuq l-istess Att taż-Żwieġ jirrizulta li l-partijiet ottjenew sentenza li ppronunzjat il-ħall taż-żwieġ datata 11 ta' Ottubru 2017 mingħajr ebda referenza illi l-mara għandha tirriverti għal kunjom xbubitha ossia 'Borg'. In vista ta' dan l-esponent ħalla lill-attriċi b'kunjomha mizzewga stante li meta wahda mill-partijiet tigi awtorizzata tirriverti lura ghal kunjomha fit-twelid, dan il-fatt ikun specifikat fis-sentenza rispettiva;*

e. *Illi għalhekk* ***ma sar ebda zball mid-DRP*** *meta gie rregistrat l-imsemmi divorzju ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kap. 16;*

f. *Mir-rikors promotur jirrizulta li l-attriċi trid tirriverti għal kunjom xbubitha għal motivi elenkati fl-istess rikors;*

g. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponent jiddikjara illi fir-rigward tat-talbiet attriċi, anke in vista ta' dispozizzjonijiet fl-Artikolu 62 u l-Artikolu 66L(4) tal- Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv illi l-provi prodotti jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi u li jkunu rrispettati r-regoli proċedurali;*

h. *Illi finalment u bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u* ***għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti****;*

i. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti;

4. Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol 12-13 tal-proċess;

5. Rat l-atti kollha;

**Ikkunsidrat:**

6. Illi fil-mertu, il-Qorti rat:

a. Iċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti, illi fih kunjom ir-rikorrenti huwa indikat bħala *Borg* (**Dok A** anness mar-rikors promotur, a fol 5 tal-proċess);

b. Iċ-ċertifikat taż-żwieġ tar-rikorrenti, illi jinkludi l-annotazzjoni illi permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tal-ħdax (11) t'Ottubru 2017, ġie pronunzjat id-divorzju taż-żwieġ bejn ir-rikorrentu u Kevin Muscat illi kien ġie ċċelebrat nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu 2004 (**Dok B** anness mar-rikors promotur, a fol 6 tal-proċess);

c. L-affidavit tar-rikorrenti, illi fih ir-rikorrenti kkonfermat bil-ġurament tagħha illi:

> *3. Ngħid li fil-proċeduri ta' divorzju, kont għażilt biex inżomm kunjomi ta' miżżewġa u cioe 'Muscat' għaliex it-tifel tagħna kien għadu żgħir u xtaqt li jkollna l-istess kunjom. Dak iż-żmien kont nibża' li ser naffettwa lit-tifel jekk inbiddel kunjomi għaliex kont nispiċċa jkolli kunjom differenti minn tiegħu. Illum-il ġuranata, it-tifel għandu 18-il sena u għalhekk il-bidla tal-kunjom mhux ser taffettwah.*
>
> *4. Jien għamilt il-pjanijiet biex niżżewweġ fit-28 ta' Lulju 2023 ġewwa Mazzarone, l-Italja. Fil-fatt għamilna diversi arranġamenti u ħallasna deposits biex niċċelebraw iż-żwieġ tagħna hemm. Wara li lestejna kollox, ftit tal-ġranet ilu skoprejt b'kumbinazzjoni illi sabiex inkun nista' niżżewweġ fl-Italja jeħtieġ illi nirreverti għal kunjom xbubiti u dan għaliex il-liġi Taljana ma tippermettix li l-*

*mara miżżewġa tiegħu jew iżżomm il-kunjom ir-raġel tagħha. Għalhekk jien nixtieq nirreverti għal kunjomi ta' xebba u dan kif tippermetti l-liġi tagħna.*

7. Il-Qorti rat ukoll illi, fis-seba' paragrafu tar-risposta tiegħu, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jiddikjara illi qiegħed jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, salv illi l-provi prodotti jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

8. Meqjusa l-provi kollha in atti fl-assjem tagħhom, il-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrenti hija ġustifikata, u ser tgħaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decide**

9. Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti, il-Qorti tgħaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna billi:

(i) **<u>Tilqa</u>'** l-ewwel talba rikorrenti u tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti għal kunjom xbubitha u tiddikjara ai finijiet u effetti kollha tal-liġi li kunjom ir-rikorrenti għandu jkun *Borg* u mhux aktar *Muscat*;

(ii) **<u>Tilqa</u>'** t-tieni talba rikorrenti u tordna lill-intimat jagħmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha meħtieġa fl-att taż-żwieġ bin-numru progressiv 278 tas-sena 2004 sabiex jirrifletti din il-bidla fil-kunjom tar-rikorrenti;

(iii) **<u>Tiċħad</u>** l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat in kwantu mhux kompatibbli ma' din id-deċiżjoni.

In konsiderazzjoni tal-fatt illi l-korrezzjoni fil-kawża odjerna ma ntalbitx per kawża ta' xi nuqqas jew żball da parti tal-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku, iżda fuq deċiżjoni unilaterali tar-rikorrenti, l-ispejjeż għandhom jiġu sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**